MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Numru. 764/2008

Il-Pulizija
(SpBernard Spiteri)
vs
Maria Carmela Fenech, bint Carmelo, imwielda Pieta' fit-22 ta' ottubru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, f'diversi ġranet bejn it-22 ta' Novembru, 2007 u il-11 ta' April, 2008 ġewwa San Gwann u bnadi oħra f'Malta, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel

titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 għad-dannu ta' Pawlu Spagnol, il-Bank of Valletta plc u persuni oħra;
2. xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza għad-dannu ta' Pawlu Spagnol, il-Bank of Valletta plc u persuni oħra;
3. għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħarsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienet ġiet iffirmata, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw, għad-dannu ta' Pawlu Spagnol, il-Bank of Valletta plc u persuni oħra.
4. għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat għad-dannu ta' Pawlu Spagnol, il-Bank of Valletta plc u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru, 2008 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru, 2008 fejn il-parte ċivile, li hu l-konviventi ta' l-imputata u li minn kellu żewġ titfal, ħafer lill-imputata.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqastant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 308, 183 u 186 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------